

Brussell, 8 ta' Frar 2017
(OR. en)

5819/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0823 (CNS)

ENFOPOL 45
JAIEX 7
JAI 80

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	COREPER/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 15778/16	
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet

1. L-Artikolu 26(1)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)¹ ("id-Deċiżjoni dwar l-Europol") taqra kif ġej:

"Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'magħġoranza kwalifikata wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għandu jfassal lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 23(1) li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi strumenti ta' ftehim. Din il-lista għandha titħejja mill-Bord ta' Amministrazzjoni u tiġi riveduta meta jkun meħtieġ".

2. Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet (minn hawn 'il quddiem "il-lista")², emendata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/269/UE³.

¹ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

² ĠU L 325, 11.12.2009, p. 12.

³ ĠU L 138, 13.5.2014, p. 104.

3. B'ittra datata l-21 ta' Diċembru 2016, il-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol bagħat proposta lill-Kunsill biex iżid lid-Danimarka mal-lista (15759/16).
4. Abbażi ta' dan, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet (15763/16).
5. F'konformità ma' proċedura ta' silenzju kif prevista fl-Artikolu 12(2)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ara CM 1001/17), il-Kunsill iddeċieda fil-5 ta' Jannar 2017 biex jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li kien ġie rivedut mill-ġuristi-lingwisti kif jinsab fid-dokument 15778/16.
6. Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jadotta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2017.
7. ***F'każ li l-Parlament Ewropew jagħti l-opinjoni tiegħu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:***
 - a) ***jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2009/935/JHA fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet, kif jinsab fid-dokument 15778/16 (test kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti);***
 - b) ***jiddeċiedi l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***